

Paġna Ewlenija > ... > Teħid Ta' Azzjoni Legali > Atlas Ġudizzjarju Ewropew Dwar Kwistjonijiet >  
Ċivili Suċċessjonijiet > Slovenia

## Suċċessjonijiet

Slovenja



Slovenja

### SIB QRATI/AWTORITAJIET KOMPETENTI

L-għodda ta' tiftix hawn taħt se tgħinek tidentifika qorti/qrati jew awtorità(jiet) kompetenti għal strument legali Ewropew speċifiku. Jekk jogħġbok innota li għalkemm sar kull sforz biex tiġi aċċertata l-preċiżjoni tar-riżultati, jista' jkun hemm xi każijiet eċċezzjonali li jikkonċernaw id-determinazzjoni ta' kompetenza li mhumiex neċessarjament koperti.

L-Artikolu 78 (a) - l-isem u d-dettalji ta' kuntatt tal-qrati jew l-awtoritajiet kompetenti b'ġuriżdizzjoni biex jittrattaw applikazzjonijiet għal dikjarazzjoni ta' eżekutorjetà skont l-Artikolu 45(1) u appelli kontra deċiżjonijiet dwar tali applikazzjonijiet skont l-Artikolu 50(2)

Il-qrati distrettwali (*okrožna sodišča*) huma kompetenti għall-konjizzjoni ta' talbiet għal dikjarazzjoni ta' eżegwibbiltà skont l-Artikolu 45(1).

Lista tal-qrati distrettwali tinsab [hawnhekk](#).

Il-qrati distrettwali huma kompetenti għall-konjizzjoni ta' rimedji legali kontra deċiżjonijiet dwar talbiet ta' din ix-xorta b'konformità mal-Artikolu 50(2).

Lista tal-qrati distrettwali tinsab [hawnhekk](#).

L-Artikolu 78 (b) - il-proċeduri ta' biex tiġi kkontestata d-deċiżjoni mogħtija fuq appell imsemmija fl-Artikolu 51

Parti tista' tressaq appell (*pritožba*) kontra deċiżjoni mill-qorti distrettwali dwar oġġezzjoni għal dikjarazzjoni ta' eżegwibbiltà. Dan l-appell irid jitressaq fi żmien 30 jum min-notifika tad-deċiżjoni li qed tiġi kkontestata. L-appell irid jitressaq quddiem il-qorti distrettwali, li mbagħad tgħaddih lill-Qorti Suprema tar-Repubblika tas-Slovenja (*Vrhovno sodišče Republike Slovenije*). L-appell jiġi nnotifikat lill-parti l-oħra, li trid twieġeb fi żmien 30 jum. Deċiżjoni dwar appell tittieħed mill-Qorti Suprema.

Vrhovno sodišče RS  
Tavčarjeva 9  
1000 Ljubljana

tel.: (01) 366 44 44  
faks: (01) 366 43 01  
posta elettronika: [urad.vrsr@sodisce.si](mailto:urad.vrsr@sodisce.si)

L-Artikolu 78 (c) - informazzjoni rilevanti rigward l-awtoritajiet kompetenti biex joħroġu ċ-Ċertifikat skont l-Artikolu 64

Li-Ċertifikat Ewropew tas-Suċċessjoni jinħareġ minn qorti lokali (*okrajno sodišče*) li tiegħu deċiżjoni fi proċedimenti dwar wirt.

Lista tal-qorti lokali tinsab [hawnhekk](#).

## L-Artikolu 78 (d) - il-proċeduri ta' rimedju msemija fl-Artikolu 72

Kull min hu intitolat jitleb Ċertifikat Ewropew tas-Suċċessjoni jista' jappella mid-deċiżjonijiet li ġejjin: deċiżjoni tal-qorti dwar talba għal Ċertifikat Ewropew tas-Suċċessjoni; deċiżjoni tal-qorti li tirrettifika Ċertifikat Ewropew tas-Suċċessjoni; deċiżjoni tal-qorti li temenda Ċertifikat Ewropew tas-Suċċessjoni; deċiżjoni tal-qorti li tannulla Ċertifikat Ewropew tas-Suċċessjoni. L-appell irid jittressaq fil-proċedimenti dwar il-wirt, jgħid li quddiem il-qorti li tkun ħarġet id-deċiżjoni dwar is-suċċessjoni, fi żmien 30 jum min-notifika ta' dik id-deċiżjoni. L-appell ma jissospendix l-eżekuzzjoni tad-deċiżjoni.

Il-qorti fejn jittressaq l-appell tista' temenda jew tirrevoka d-deċiżjoni preċedenti tagħha biss billi tagħti deċiżjoni ġdida. Jekk ma tagħmilx hekk, din il-qorti tirrinwija l-appell lil qorti superjuri (*višje sodišče*) għal deċiżjoni.

Lista tal-qorti superjuri tinsab [hawnhekk](#).

## L-Artikolu 79 - Stabbiliment u emendar sussegwenti tal-list li fiha l-informazzjoni msemija fl-Artikolu 3(2)

Fir-Repubblika tas-Slovenja, il-qorti għandhom kompetenza esklużiva f'materji ta' suċċessjoni, li jfisser li ma hemm l-ebda awtorità jew professjoni legali oħra skont it-tifsira tal-Artikolu 3(2) tar-Regolament b'kompetenza f'materji ta' suċċessjoni li teżerċita funzjonijiet ġudizzjarji jew li taġixxi skont delega ta' setgħat minn awtorità ġudizzjarja jew li taġixxi taħt il-kontroll ta' awtorità ġudizzjarja.

■ L-aħħar aġġornament: 06/06/2019

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċetta responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.